KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
COLLINS
ippreżentati fl-4 ta' Ottubru 2024[1]

Kawża C-181/23

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika ta' Malta

"Nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu taħt l-Artikolu 20 TFUE u l-Artikolu 4(3) TUE — Skema ta' ċittadinanza b'investiment — Naturalizzazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel — Assenza ta' rabta ġenwina bejn applikanti għal naturalizzazzjoni u Stat Membru"

Fuq il-portata tar-rikors

1. Dan ir-rikors taħt l-Artikolu 258 TFUE jirriżulta mill-adozzjoni u mill-operat tal-iskema tal-Għoti taċ-Ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investiment Dirett (2020) (iktar 'il quddiem l-"Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020")[2]. Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tfittex li tingħata dikjarazzjoni li, billi stabbilixxiet u operat l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020, li toffri naturalizzazzjoni bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel, lil persuni minkejja l-assenza ta' rabta ġenwina bejnhom u r-Repubblika ta' Malta, dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 20 TFUE u l-Artikolu 4(3) TUE.

2. Ir-Repubblika ta' Malta ssostni li r-rikors tal-Kummissjoni huwa infondat, fid-dritt u fil-fatt. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea ma jirregolax il-kundizzjonijiet li taħthom persuni jistgħu jiksbu n-nazzjonalità ta' Stat Membru, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux ta' natura li jipperikolaw, b'mod ġenerali u sistematiku, il-valuri u l-għanijiet tal-Unjoni. La d-dritt internazzjonali pubbliku[3] u lanqas id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġu li persuna jkollha "rabta ġenwina minn qabel" ma' Stat qabel in-naturalizzazzjoni tagħha. Ir-Repubblika ta' Malta tallega wkoll li l-Kummissjoni ssemplifikat wisq l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 sabiex tipprova "twassal" lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni żbaljata tal-fatti.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] L-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 tikkonsisti fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 u fir-Regolamenti tal-2020, deskritti fil-punti 5 sa 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[3] Iktar 'il quddiem id-"dritt internazzjonali".

Il-kuntest ġuridiku – Id-dritt Malti

L-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija

3. L-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija jirregola l-kisba, il-privazzjoni u r-rinunzja taċ-ċittadinanza Maltija [4]. L-Artikolu 10 tiegħu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għan-naturalizzazzjoni ordinarja. Skont l-Artikolu 10(1), applikant jista' jingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta jekk jissodisfa lill-Ministru [5] bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

"(a) li jkun irrisjeda f'Malta matul il-perjodu ta' tnax-il xahar minnufih qabel id-data tal-applikazzjoni; u

(b) li, matul is-sitt snin minnufih qabel l-imsemmi perjodu ta' tnax-il xahar, ikun irrisjeda f'Malta għal perjodi li jammontaw b'kollox għal mhux anqas minn erba' snin; u

(ċ) li jkun jaf biżżejjed l-ilsien Malti jew l-ilsien Ingliż; u

(d) li jkun ta' kondotta tajba; u

(e) li jkun ċittadin tajjeb ta' Malta".

4. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, jekk il-Ministru jkun jidhirlu xieraq fiċ-ċirkustanzi speċjali ta' xi każ partikolari, huwa jista' jippermetti illi perijodi ta' residenza li jkunu okkorrew qabel is-seba' snin li jiġu minnufih qabel id-data tal-applikazzjoni jitqiesu fil-kalkolu tas-snin kollha msemmija fil-paragrafu (b). Ir-Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza tal-1989 (kif emendati) jistabbilixxu regoli ddettaljati għall-applikazzjonijiet għan-naturalizzazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 10(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija [6].

[4] L-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188), l-Att XXX tal-1965, kif emendat bl-Atti: II tal-1970, XXXI tal-1972, LVIII tal-1974, XXXI tal-1975, IX tal-1977, XIII tal-1983, XXIV tal-1989, IV tal-2000 u X tal-2007; bl-Avviż Legali 410 tal-2007; u bl-Atti XV tal-2013, XXIV tal-2017, u XXVI tal-2017 u XV u XXXVIII tal-2020.

[5] L-Artikolu 2(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija jipprovdi li "'il-Ministru' tfisser il-Ministru għal dak iż-żmien responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija, u, safejn tingħata awtorità, tinkludi kull persuna awtorizzata minn dak il-Ministru biex taġixxi f'ismu".

[6] Leġiżlazzjoni Sussidjarja (L.S.) 188.01 Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza tal-1 ta' Awwissu 1989 (Avviż Legali 106 tal-1989, kif emendat bl-Avviżi Legali 16 tal-1993, 232 tal-1997, 26 tal-2000, 188 u 410 tal-2007, u 17, 63 tal-2014; bl-Att XIII tal-2015, u bl-Avviż Legali 336 tal-2017 u 214 tal-2019 u 443 tal-2020).

L-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Emenda Nru 2)

5. Fit-28 ta' Lulju 2020, ir-Repubblika ta' Malta adottat l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Emenda Nru 2) (iktar 'il quddiem l-"Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020")[7]. L-Artikolu 3 ta' dan l-att issostitwixxa l-Artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija bit-test segwenti:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor, il-Ministru jista' jagħti ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta lil persuna barranija jew mingħajr stat, li tkun ipprovdiet servizzi eċċezzjonali lir-Repubblika ta' Malta jew lill-umanità, jew li n-naturalizzazzjoni tagħha hija ta' interess eċċezzjonali għar-Repubblika ta' Malta, u li tissodisfa r-rekwiżiti preskritti taħt dan l-Att. Għall-iskopijiet ta' dan is-subartikolu 'eċċezzjonali' tfisser manifestament superjuri, u tirreferi primarjament għal kontribuzzjonijiet minn xjenzati, riċerkaturi, atleti, nies sportivi, artisti, artisti kulturali, investituri u intraprendituri:

Iżda l-Ministru għandu wkoll jagħti ċertifikat ta' naturalizzazzjoni lil dipendenti eliġibbli ta' persuna barranija jew persuna mingħajr stat li tkun ipprovdiet servizzi eċċezzjonali lir-Repubblika ta' Malta permezz ta' investiment:

Iżda wkoll li dik il-persuna tagħmel applikazzjoni b'dak il-mod kif jista' jkun preskritt u bil-ġurament ta' lealtà f'Malta".

6. Fl-20 ta' Novembru 2020, ir-Repubblika ta' Malta adottat[8] ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali tal-2020 (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-2020")[9]. It-Taqsima III u t-Taqsima IV tar-Regolamenti tal-2020 jinkludu regoli ddettaljati li jirregolaw l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu u "permezz ta' investiment dirett eċċezzjonali fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-Repubblika ta' Malta"[10]. L-investituri barranin[11] jistgħu jagħmlu applikazzjoni sabiex jiġu naturalizzati taħt it-tieni kategorija meta jkunu jissodisfaw jew jimpenjaw ruħhom li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) jikkontribwixxu jew EUR 600 000 jew EUR 750 000 lill-Gvern Malti, li minnhom EUR 10 000 għandhom jitħallsu bħala depożitu mhux rimborsabbli flimkien mas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal residenza jew tal-formola ta' eliġibbiltà, u l-bilanċ isir dovut wara li l-applikazzjoni għal naturalizzazzjoni tkun ġiet approvata;

[7] Att Nru XXXVIII tal-2020, ippubblikat fil-31 ta' Lulju 2020. Fil-15 ta' Novembru 2013, ir-Repubblika ta' Malta adottat l-Att Nru XV tal-2013 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188 (15 ta' Novembru 2013)) (iktar 'il quddiem l-"Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2013"). Parallelament mal-proċedura prevista fl-Artikolu 10(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2013 stabbilixxa metodu iktar mgħaġġel għal naturalizzazzjoni permezz ta' parteċipazzjoni fi "programm tal-investitur individwali" irregolat minn kundizzjonijiet u proċeduri separati. Ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta tal-2014 (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta), adottati taħt l-Avviż Legali 47 tal-2014 u ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta fl-4 ta' Frar 2014 (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-2014"), tħassru fl-20 ta' Novembru 2020 permezz tal-Avviż Legali 437 tal-2020. Limitu ta' 1 800 applikant magħżul (bl-esklużjoni tad-dipendenti) japplika għall-iskema adottata skont l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2013 u r-Regolamenti tal-2014 (iktar 'il quddiem l-"Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2014"). Minkejja x-xebh bejn l-Iskemi dwar iċ-Ċittadinanza tal-2014 u tal-2020 u d-diversi riferimenti fis-sottomissjonijiet bil-miktub għat-tnejn li huma, dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa limitat għall-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020.

[8] Skont l-Artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, kif emendat bl-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020.

[9] Leġiżlazzjoni Sussidjarja 188.06 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-Regolamenti tal-2020 ġew adottati taħt l-Avviż Legali 437 tal-2020.

[10] Filwaqt li r-Regolamenti tal-2020 ħassru r-Regolamenti tal-2014, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) tar-Regolamenti tal-2020 iżomm ir-Regolamenti tal-2014 fis-seħħ sakemm jintlaħaq in-numru massimu ta' 1 800 applikazzjoni awtorizzata taħt dawn tal-aħħar.

[11] L-applikazzjonijiet jistgħu jinkludu membri "dipendenti" tal-familja ta' applikant bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li jsir pagament addizzjonali ta' EUR 50 000 għal kull wieħed minnhom. Ara l-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti tal-2020 u l-punt 1(b) tal-Ewwel Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

b) jakkwistaw u jżommu proprjetà immobbli residenzjali f'Malta li jkollha valur minimu ta' EUR 700 000, jew jikru proprjetà immobbli residenzjali f'Malta għal perjodu minimu ta' 5 snin b'kera annwali ta' mhux inqas minn EUR 16 000;

ċ) jagħmlu donazzjoni ta' mill-inqas EUR 10 000 lil organizzazzjoni jew soċjetà mhux governattiva filantropika, kulturali, sportiva, xjentifika, tat-trattament xieraq tal-annimali jew artistika, li tkun irreġistrata, jew kif approvat mod ieħor mill-awtoritajiet;

d) kienu residenti f'Malta għal perijodu ta' 36 xahar (fejn il-pagament jammonta għal EUR 600 000), liema perijodu jista' jitnaqqas għal minimu ta' 12-il xahar bil-kundizzjoni li jsir investiment dirett eċċezzjonali, jiġifieri pagament ta' mill-inqas EUR 750 000;

e) jkunu għaddew minn valutazzjoni tal-eliġibbiltà mill-awtoritajiet u jkunu awtorizzati jissottomettu applikazzjoni għal naturalizzazzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-2020.

7. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-2020, in-"numru ta' ċertifikati ta' Ċittadinanzi Maltin bin-Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investiment Dirett mogħti, bl-esklużjoni tad-dipendenti, ma għandux jaqbeż l-erba' mija (400) fis-sena, u li fi kwalunkwe każ l-ammont totali akkumulat ta' applikanti magħżula minbarra dipendenti ma għandux jaqbeż l-elf u ħames mija (1,500)".

Il-proċedura prekontenzjuża

8. Fl-20 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika ta' Malta. Hija esprimiet tħassib li l-Programm ta' Investitur Individwali adottat skont l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, kif emendat bl-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2013 u bir-Regolamenti tal-2014, kien inkompatibbli maċ-ċittadinanza tal-Unjoni stabbilita bl-Artikolu 20 TFUE u mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE. Fid-9 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni addizzjonali lir-Repubblika ta' Malta, li fiha hija osservat li, peress li l-qafas leġiżlattiv rivedut tal-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 ma biddilx in-natura tranżazzjonali tagħha, hija kienet qiegħda tikser għalhekk l-Artikolu 20 TFUE u l-Artikolu 4(3) TUE.

9. Ir-Repubblika ta' Malta wieġbet għal din l-ittra fis-6 ta' Awwissu 2021. Hija ma qablitx mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Hija sostniet, b'mod partikolari, li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet inkompatibbli mal-prinċipju ta' għoti tal-kompetenzi inkwantu kienet tidħol f'qasam li jaqa' taħt is-sovranità tal-Istati Membri.

10. Fit-2 ta' Marzu 2022, ir-Repubblika ta' Malta ssospendiet l-iskema tagħha ta' ċittadinanza b'investiment għaċ-ċittadini Russi u Bjelorussi sakemm jingħata avviż ieħor.

11. Fis-6 ta' April 2022, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika ta' Malta. Il-Kummissjoni tenniet u żviluppat l-argumenti li hija kienet esponiet fl-ittra ta' intimazzjoni u fl-ittra ta' intimazzjoni addizzjonali tagħha. Fir-replika tagħha, ir-Repubblika ta' Malta ma qablitx mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u sostniet li l-qafas leġiżlattiv tagħha taċ-ċittadinanza b'investiment kien konformi bis-sħiħ mad-dritt tal-Unjoni.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ressqet din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE, intiż għall-konstatazzjoni li:

"bl-istabbiliment u bl-implimentazzjoni ta' programm istituzzjonalizzat bħall-akkwist tan-nazzjonalità Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali permezz ta' investiment dirett abbażi tal-Artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kif emendat bl-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Emenda Nru 2), u r-Regolamenti dwar l-għoti ta' ċittadinanza għal servizzi eċċezzjonali, tal-2020, li joffri naturalizzazzjoni fin-nuqqas ta' rabta reali tal-applikanti mal-pajjiż, inkambju għal ħlasijiet jew għal investimenti predeterminati, ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 20 TFUE u l-Artikolu 4(3) TUE".

13. Il-Kummissjoni titlob ukoll li r-Repubblika ta' Malta tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

14. Fir-risposta tagħha, ippreżentata fis-27 ta' Ġunju 2023, ir-Repubblika ta' Malta titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad dan ir-rikors u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

15. Wara skambju ġdid ta' sottomissjonijiet bil-miktub, fis-17 ta' Ġunju 2024 inżammet seduta li matulha l-Kummissjoni u r-Repubblika ta' Malta ppreżentaw sottomissjonijiet orali u wieġbu għal mistoqsijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Analiżi legali

L-argumenti tal-partijiet

16. Ir-rikors tal-Kummissjoni jikkonsisti f'ilment wieħed, li hija taqsam fi tliet stadji.

17. L-ewwel, il-Kummissjoni tosserva li, għalkemm l-Istati Membri huma kompetenti sabiex jadottaw regoli li jirregolaw il-kisba tan-nazzjonalità tagħhom, id-dritt tal-Unjoni jillimita l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza [12]. Il-kunċett ta' fiduċja reċiproka huwa l-bażi taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. L-osservanza ta' din il-fiduċja reċiproka tipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw regoli dwar iċ-ċittadinanza li jimminaw l-essenza, il-valur u l-integrità taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija intiża li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri [13]. Id-dritt tal-Unjoni jimponi obbligi estensivi fuq l-Istati Membri fir-rigward tat-trattament tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni li jfittxu li jinvokaw id-drittijiet li tagħtihom iċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Peress li l-għoti tan-nazzjonalità ta' Stat Membru jwassal awtomatikament għall-kisba taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u għat-tgawdija tad-drittijiet marbuta magħha, il-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha tant għandhom impatt dirett fuq Stati Membri oħra u fuq l-Unjoni li ma humiex iktar kwistjoni esklużiva għal dan l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom għalhekk josservaw debitament id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-

[12] Sentenzi tas-7 ta' Lulju 1992, Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 10, iktar 'il quddiem is-"sentenza Micheletti"); tal-20 ta' Frar 2001, Kaur (C-192/99, EU:C:2001:106, punt 19, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kaur"); tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 37, iktar 'il quddiem is-"sentenza Zhu u Chen"); tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punti 39, 41 u 45, iktar 'il quddiem is-"sentenza Rottmann"); u tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2019:189, punt 30, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tjebbes").

[13] Sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 82).

prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE u l-integrità tal-istatus ta' ċittadinanza tal-Unjoni maħluq mill-Artikolu 20 TFUE, meta jagħtu n-nazzjonalità tagħhom liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

18. It-tieni, il-Kummissjoni tenfasizza li, filwaqt li l-Unjoni hija bbażata fuq l-integrazzjoni tal-Istati Ewropej li jikkondividu ġabra komuni ta' aspirazzjonijiet u ta' valuri, dan jeħtieġ li l-popli ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri jingħaqdu. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni timplika għalhekk kemm it-tisħiħ tar-rabtiet bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri u l-Unjoni kif ukoll l-integrazzjoni u l-approfondiment tas-solidarjetà bejn il-popli differenti tal-Ewropa, u b'dan il-mod jingħaqdu f'entità politika waħda bħala atturi kostituttivi tal-Unjoni. In-natura taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li tinkludi d-drittijiet li persuna tmur fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u li tirrisjedi hemmhekk, li tiġi ttrattata b'mod ugwali għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru u li tivvota u li toħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali tal-Istati Membri ospitanti u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, issaħħaħ din l-interpretazzjoni. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet li jirriżultaw minnha jesprimu għalhekk is-solidarjetà u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. L-estensjoni awtomatika u mingħajr kundizzjonijiet ta' ċerti drittijiet għaċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha hija konformi mal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u hija bbażata fuq komprensjoni kondiviża: li n-"nazzjonalità tirrifletti espressjoni ta' rabta effettiva bejn [Stat u] iċ-ċittadini tiegħu"[14]. "[Ir-]relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà bejn [l-Istat] u ċ-ċittadini tiegħu kif ukoll ir-reċiproċità tad-drittijiet u tad-dmirijiet […] huma l-qafas tar-rabta taċ-ċittadinanza"[15].

19. Meta Stat Membru jistabbilixxi u jopera skema ta' ċittadinanza b'investiment li tiffaċilita l-għoti sistematiku tan-nazzjonalità tiegħu lil persuni bi skambju għal pagamenti ddeterminati minn qabel filwaqt li ma jeżiġi l-eżistenza ta' ebda rabta ġenwina bejn dan l-Istat u dawn l-individwi, dan ikun jikkomprommetti u jimmina kemm l-essenza kif ukoll l-integrità taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u l-fiduċja reċiproka li tifforma l-bażi tagħha. Tali skema ta' ċittadinanza b'investiment hija għalhekk inkompatibbli mal-kunċett ta' ċittadinanza tal-Unjoni previst fl-Artikolu 20 TFUE u mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE. Minn dan isegwi li l-istabbiliment u l-operat ta' tali skemi, anki jekk jitqiesu li jkunu fl-interessi (purament finanzjarji) ta' Stat Membru, huma ta' detriment għall-għanijiet tal-Unjoni.

20. It-tielet, l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 tissodisfa l-kriterji ta' skema illegali ta' ċittadinanza b'investiment kif deskritta fit-tieni stadju, peress li tippermetti l-għoti sistematiku tan-nazzjonalità bi skambju għall-pagament ta' somom kbar iddeterminati minn qabel, mingħajr ma teżiġi li l-applikanti juru rabta ġenwina mar-Repubblika ta' Malta. L-Artikolu 10(1)(a) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, li jirregola n-naturalizzazzjoni "ordinarja", jipprevedi li applikant għandu jkun jista' juri li "jkun irrisjeda f'Malta matul il-perjodu ta' tnax-il xahar" minnufih qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 10(1)(b) tiegħu, din il-persuna għandha tistabbilixxi perijodi ta' residenza "li jammontaw b'kollox għal mhux anqas minn erba' snin" f'perijodu ta' sitt snin. Dispożizzjonijiet kwalitattivament differenti japplikaw għall-applikanti taħt l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020. Il-Kummissjoni ssostni, b'mod partikolari, li din l-iskema tal-aħħar ma tinkludix garanziji suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-obbligu ta' residenza jkun iktar minn rekwiżit purament fittizju jew li tkun teżisti xi rabta ġenwina bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-applikanti għan-nazzjonalità Maltija taħt din l-iskema.

[14] Sentenza Tjebbes, punt 35.

[15] Sentenza Rottmann, punt 51, u s-sentenza Tjebbes, punt 33. Ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1980, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (149/79, EU:C:1980:297, punt 10), u Liechtenstein vs Gwatemala, Eċċezzjonijiet (it-Tieni Fażi). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem il-"QIĠ") tas-6 ta' April 1955, [1955] QIĠ Ġabra 4, 20 (iktar 'il quddiem is-"sentenza Nottebohm").

21. Skont l-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolamenti tal-2020, l-applikant prinċipali u d-dipendenti tiegħu li għandhom mill-inqas 18-il sena għandhom jipprovdu prova ta' residenza f'Malta għal perjodu ta' 36 xahar. L-Artikolu 16(1)(a), moqri flimkien mal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2020, jistipula li, mal-pagament ta' EUR 750 000 (jiġifieri EUR 150 000 addizzjonali), dan il-perjodu ta' residenza jista' jitnaqqas għal minimu ta' 12-il xahar. Ir-Regolamenti tal-2020 ma jiddefinixxux il-kunċetti ta' "residenti" jew ta' "residenza". Huma ma jippreskrivu ebda rekwiżit ekwivalenti li tali residenza għandha sseħħ "matul" il-perijodu previst. Peress li ma hemmx regoli li jeħtieġu preżenza fiżika regolari fuq perijodu sinjifikattiv li jkun jista' jiġi interrott permezz ta' vjaġġar jew ta' żjarat qosra barra mill-pajjiż, ir-Regolamenti tal-2020 ma jinkludu ebda regoli dwar l-assenzi li jistgħu jinterrompu perijodi ta' residenza. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolamenti tal-2020 sempliċement jeżiġi residenza legali, b'differenza minn preżenza fiżika, f'Malta.

22. Il-Kummissjoni tiċħad ukoll l-allegazzjoni tar-Repubblika ta' Malta fis-sens li din tal-aħħar għandha d-dritt li tagħti ċ-ċittadinanza b'riferiment għal "rabtiet prospettivi" permezz ta' integrazzjoni u ta' kontribuzzjoni futuri lil dan l-Istat Membru. Tali approċċ ta' "ixtri issa – żviluppa rabta iktar tard" huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tfakkar li l-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, inkluż il-moviment liberu, jidħlu fis-seħħ mill-mument li fih jinkiseb dan l-istatus. Ma hemm l-ebda garanzija li ċittadin Malti nnaturalizzat taħt l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 ser jibqa' fir-Repubblika ta' Malta u jistabbilixxi rabtiet magħha. Huwa jista' jagħżel li jiċċaqlaq lejn Stat Membru ieħor jew anki li jżomm iċ-ċentru tal-ħajja tiegħu f'pajjiż terz filwaqt li juża d-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni mingħajr ma jistabbilixxi rabtiet ma' ebda Stat Membru. Il-materjal promozzjonali ppubblikat mill-aġenti awtorizzati li jippromwovu l-iskema jirreklama l-possibbiltà li ċittadin innaturalizzat ikun jista' jistabbilixxi r-residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor jew fi Stat assoċjat ma' Schengen bħala wieħed mill-benefiċċji tal-kisba tan-nazzjonalità Maltija.

23. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tiċħad l-affermazzjoni li dan ir-rikors jikkontesta l-qafas leġiżlattiv nazzjonali kollu għan-naturalizzazzjoni tal-persuni. Il-Kummissjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tippreskrivi kif l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw "min huma ċ-ċittadini tagħhom". Dan ir-rikors huwa limitat għal skema speċifika taċ-ċittadinanza b'investiment li, billi tirrendi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni komodità, timmina l-integrità ta' dan l-istatus b'mod li tikkostitwixxi ksur partikolarment serju tad-dritt tal-Unjoni.

24. Il-Kummissjoni tibbaża t-talba tagħha fuq id-dritt tal-Unjoni, fuq ir-rekwiżiti partikolari li joħorġu mill-istatus ta' ċittadinanza tal-Unjoni u fuq l-obbligu ta' kooperazzjoni leali li jeżiġi li l-Istati Membri jastjenu minn kull azzjoni li tista' tippreġudika t-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni. Filwaqt li r-Repubblika ta' Malta ma taqbilx li s-sentenza Nottebohm tikkorrobora t-teżi li d-dritt internazzjonali jeżiġi rabta ġenwina bħala kundizzjoni għall-kisba tan-nazzjonalità, dik is-sentenza hija, u għadha, awtorità ċċitata ħafna dwar id-dritt tal-Istati li jirrifjutaw li jirrikonoxxu n-nazzjonalità mogħtija minn Stat ieħor. Skont is-sentenza Micheletti, l-Istati Membri ma jistgħux jirrifjutaw li jirrikonoxxu n-nazzjonalità ta' ċittadin ta' Stat Membru. In-natura awtomatika ta' dan ir-rikonoxximent fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni tipprovdi bażi legali għal kunċett kondiviż komuni tan-nazzjonalità li jimplika l-eżistenza ta' rabta ġenwina bejn Stat Membru u ċ-ċittadini tiegħu.

25. Il-Kummissjoni ssostni li l-qafas legali tal-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 juri li l-proċess ta' diliġenza dovuta mwettaq fir-rigward tal-applikanti huwa sabiex jiġi evalwat ir-riskju tagħhom fil-qasam tas-sigurtà jew tar-reputazzjoni u l-portata tal-ġid tagħhom. Ma huwiex intiż għall-verifika tal-eżistenza ta' rabta ġenwina bejn applikant u r-Repubblika ta' Malta. L-eżistenza

ta' dan il-proċess ta' verifika u s-setgħa ta' evalwazzjoni tal-Ministru [16] li jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' naturalizzazzjoni ma jbiddlux in-natura tranżazzjonali tal-iskema. Ir-Repubblika ta' Malta ma tikkontestax li, sabiex persuna taqa' taħt l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020, il-preżenza fiżika effettiva f'Malta hija meħtieġa darbtejn biss: sabiex tipprovdi data bijometrika biex tikseb permess ta' residenza u sabiex tieħu ġurament ta' lealtà. Għaldaqstant, ir-"residenza legali" meħtieġa mill-iskema ma tistax toħloq rabta ġenwina bejn ir-Repubblika ta' Malta u applikant għaċ-ċittadinanza.

26. Ir-Repubblika ta' Malta tosserva l-ewwel li, minn żmien il-qedem, l-Istati fittxew li jattiraw il-ġid u l-prosperità billi jinkoraġġixxu influss ta' individwi b'valur nett għoli permezz tal-għoti taċ-ċittadinanza jew l-ekwivalenti tagħha. Is-setgħa li tingħata ċ-ċittadinanza tinsab fil-qalba nnifisha tas-sovranità nazzjonali. Hija marbuta mill-qrib mal-kunċett u mal-iżvilupp tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru li l-Artikolu 4(2) TUE jeżiġi li l-Unjoni għandha tipproteġi. Ir-Repubblika ta' Malta tirrikonoxxi li l-eżistenza ta' "rabta ġenwina minn qabel" hija bażi leġittima li fuqha l-Istati jistgħu jiddeċiedu li jirrikonoxxu r-rabtiet ta' individwu mal-komunità politika tagħhom. Madankollu, huwa f'idejn l-istituzzjonijiet demokratiċi ta' kull Stat Membru li jagħmlu din l-għażla permezz ta' deċiżjonijiet politiċi u sovrani, spiss ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet ta' ekwità u ta' ġustizzja morali. Għalhekk, Stat Membru jgawdi minn setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa meta jiddeċiedi liema rabtiet ikunu suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw li individwu jiġi mistieden isir membru tal-entità politika tiegħu. It-Trattati u x-xogħol preparatorju tagħhom ma jobbligawx lill-Istati Membri jirrikjedu li persuna jkollha "rabta ġenwina minn qabel" ma' Stat Membru qabel in-naturalizzazzjoni tagħha. Ir-Repubblika ta' Malta ssostni wkoll li dan ir-rekwiżit ma jeżistix fid-dritt internazzjonali u li s-sentenza Nottebohm, li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuqha, kienet is-suġġett ta' kritika estensiva u debitament iġġustifikata.

27. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li huwa biss meta l-politika ta' naturalizzazzjoni ta' Stat Membru twassal, b'mod ġenerali u sistematiku, għal ksur serju tal-valuri u tal-għanijiet tal-Unjoni kif iddefiniti fit-Trattati u fil-leġiżlazzjoni, li din il-politika tista', b'mod plawżibbli, tikkostitwixxi ksur ta' dawn ir-regoli u valuri. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Ir-rikors tal-Kummissjoni huwa mingħajr preċedent. Huwa intiż li jipprekludi lil Stat Membru milli jimplimenta għażliet politiċi li huwa jkun għamel b'mod leġittimu f'qasam ta' kompetenza nazzjonali kif irrikonoxxut mill-Artikolu 9 TUE u mill-Artikolu 20(1) TFUE. Ir-rikors jikkontesta wkoll il-legalità ta' qafas leġiżlattiv nazzjonali kollu li jirregola n-naturalizzazzjoni tal-persuni. Ir-Repubblika ta' Malta żżid li l-interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 20 TFUE u tal-Artikolu 4(3) TUE li ssostni l-Kummissjoni ser ikollha impatt immedjat fuq l-oqsfa leġiżlattivi li jirregolaw in-nazzjonalità fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari dawk li fihom in-naturalizzazzjoni tingħata b'mod diskrezzjonali. Inevitabbilment ser jibda jkun hemm obbligi ta' rappurtaġġ, li ser iwasslu lill-Kummissjoni, bħala gwardjana tat-Trattati, tirrevedi l-politiki, il-liġijiet u l-prassi tal-Istati Membri fil-qasam tan-naturalizzazzjoni fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni. Dan l-iżvilupp ser iħeġġeġ lill-Istati Membri jqajmu dubji dwar il-liġi u l-prassi ta' Stati Membri oħra f'dan il-qasam u, eventwalment, jikkontestawhom. Tali skrutinju jista' jiġi ġġustifikat biss meta jintwera b'mod ċar, permezz ta' provi xierqa, li r-regoli ta' Stat Membru jikkostitwixxu, b'mod ġenerali u sistematiku, riskju reali għall-valuri u għall-għanijiet tal-Unjoni.

28. Ir-Repubblika ta' Malta żżid ukoll li l-motiv uniku tal-Kummissjoni jissemplifika wisq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja billi jfittex li jassimila l-privazzjoni tan-nazzjonalità mal-kisba tagħha. Il-privazzjoni tan-nazzjonalità ta' Stat Membru għal individwu jċaħħad lil tali persuna miċ-ċittadinanza tal-Unjoni u mid-drittijiet kollha marbuta magħha. Skont id-dritt

[16] Kif iddefinita fl-Artikolu 2(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.

tal-Unjoni, l-azzjoni tal-Istati Membri li tista' tirriżulta fiċ-ċaħda *de iure* jew *de facto* tad-drittijiet u tad-dmirijiet marbuta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni għandha tkun suġġetta għal sorveljanza prudenti u stretta. B'kuntrast ma' dan, il-kisba tan-nazzjonalità testendi, pjuttost milli tnaqqas, il-firxa ta' drittijiet u ta' dmirijiet ta' persuna. Il-kisba tan-nazzjonalità għandha għalhekk tiġi eżaminata b'riferiment għal standard differenti. L-aspett li l-Kummissjoni naqset milli tifhem din id-differenza fundamentali wassalha sabiex issostni interpretazzjoni tat-Trattati li tkun twassal għal indħil sproporzjonat tal-iskrutinju tal-Unjoni f'qasam ta' kompetenza nazzjonali li huwa marbut mill-qrib mal-prerogattivi sovrani tal-Istati Membri.

29. Ir-Repubblika ta' Malta ssostni li l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 bħala mezz ta' aċċess "awtomatiku u mingħajr kundizzjonijiet" għan-nazzjonalità Maltija, li tipprevedi l-"għoti sistematiku tan-nazzjonalità bi skambju għal pagamenti ddeterminati minn qabel", fl-"interessi purament baġitarji" tar-Repubblika ta' Malta, hija semplifikazzjoni eċċessiva, infondata fid-dritt u fil-fatt. Filwaqt li investiment inizjali jiskatta l-aċċess għall-iskema, din ma toperax b'mod "awtomatiku u mingħajr kundizzjonijiet", iżda tagħti importanza kbira lill-impatt ta' kull applikazzjoni fuq "is-sigurtà, ir-reputazzjoni, l-effetti sistemiċi, il-konformità u kriterji oħra". Rata ta' rifjut ta' madwar terz tal-applikazzjonijiet ammissibbli kollha hija prova suffiċjenti tal-assenza ta' awtomatiċità. L-għoti tan-nazzjonalità lanqas ma huwa l-konsegwenza diretta ta' tranżazzjoni finanzjarja, peress li l-applikanti għandhom jagħtu impenji fit-tul u jibqgħu suġġetti għal proċeduri ta' reviżjoni fit-tul wara n-naturalizzazzjoni. Għaldaqstant, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 hija skema ta' naturalizzazzjoni leġittima, soda, amministrata professjonalment u effikaċi, li l-operat tagħha ma jippreġudikax l-għanijiet tal-Unjoni. L-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 hija trasparenti, immonitorjata bir-reqqa u għandha impatt dirett u pożittiv fuq is-soċjetà Maltija. Ir-Repubblika ta' Malta tiċħad il-karatterizzazzjoni mill-Kummissjoni tal-iskema bħala approċċ ta' "ixtri issa – żviluppa rabta iktar tard". Il-kandidati magħżula jirriflettu varjetà ta' rabtiet mal-komunità Maltija, li jikkonsistu f'rabtiet minn qabel, rabtiet preżenti u rabtiet prospettivi li jevolvu maż-żmien.

30. Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li, li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' l-motiv tal-Kummissjoni, hija tkun obbligata tħassar qafas sħiħ ta' leġiżlazzjoni u ta' strumenti statutorji, mhux limitat għal dispożizzjoni waħda jew għal sett speċifiku ta' regoli dwar in-nazzjonalità. Billi tikkontesta l-qafas legali sħiħ ta' Stat Membru li jirregola l-aċċess għan-nazzjonalità, il-Kummissjoni qiegħda tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja taġixxi bħala "leġiżlatur indirett", billi teżerċita veto fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata f'qasam li huwa rriżervat għall-Istati Membri. Iktar ma tkun wiesgħa l-portata tal-istħarriġ mogħtija f'qasam ta' kompetenza nazzjonali esklużiva, iktar ikun għoli r-riskju li l-eżerċizzju tiegħu jeċċedi l-kompetenza tal-Unjoni f'qasam partikolarment sensittiv. Għal din ir-raġuni, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li huwa biss ksur sinjifikattiv tal-valuri u/jew tal-għanijiet tal-Unjoni li jista' jiġġustifika intervent mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-aħħar nett, u kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, ir-Repubblika ta' Malta tenfasizza li l-Unjoni hija komunità politika u mhux "entità politika waħda".

Evalwazzjoni

Ammissibbiltà

31. Filwaqt li r-Repubblika ta' Malta ma toġġezzjonax b'mod espliċitu għall-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors, hija tagħmel riferiment għal differenzi bejn l-argumenti li l-Kummissjoni qajmet matul il-fażi prekontenzjuża tal-proċedura u dawk li hija qiegħda tfittex li tinvoka issa. Ir-Repubblika ta' Malta ssostni li numru ta' argumenti tal-Kummissjoni fir-replika huma differenti minn dawk tar-rikors. Hija toġġezzjona wkoll għal li l-Kummissjoni tissottometti l-"Passport Papers" [17] bħala prova, peress li dawn jikkonċernaw l-operat tal-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2014, u mhux tal-2020, li hija inkwistjoni f'din il-proċedura.

32. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqis *ex officio* jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 258 TFUE għal rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligi humiex issodisfatti [18]. Peress li l-kwistjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors tqajmet matul is-seduta u l-Kummissjoni kellha l-opportunità li twieġeb għal mistoqsija mill-Qorti tal-Ġustizzja dwarha, huwa xieraq li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina din il-kwistjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita, is-suġġett ta' rikors taħt l-Artikolu 258 TFUE għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġi ddeterminat mill-opinjoni motivata tal-Kummissjoni. Dan id-dokument għandu jinkludi dikjarazzjoni koerenti u ddettaljata tar-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru li lilu tiġi indirizzata l-opinjoni motivata naqas milli jwettaq obbligu taħt it-Trattat. Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn dan għandu jkun ibbażat fuq l-istess raġunijiet u motivi bħal dawk esposti fl-opinjoni motivata, u l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax teżamina lment li ma jkunx jinsab fiha [19]. Ir-rikors preżenti għandu portata inqas wiesgħa mill-ilment fl-opinjoni motivata tas-6 ta' April 2022, peress li din tal-aħħar kienet tirrigwarda l-Iskemi dwar iċ-Ċittadinanza kemm tal-2014 kif ukoll tal-2020. Bla ħsara għal din ir-riżerva, li ma tqajjimx tħassib [20], ir-rikors huwa bbażat fuq l-istess raġunijiet u motivi bħal dawk fl-opinjoni motivata. Kemm l-opinjoni motivata kif ukoll ir-rikors jidentifikaw ksur tal-Artikolu 20 TFUE u tal-Artikolu 4(3) TUE minħabba leġiżlazzjoni li r-Repubblika ta' Malta introduċiet li toffri n-naturalizzazzjoni lil persuni bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel mingħajr ma teżiġi l-eżistenza ta' rabta ġenwina bejn dan l-Istat Membru u dawn l-individwi.

33. Fir-rigward tad-differenzi allegati bejn ir-rikors u r-replika, hija ġurisprudenza stabbilita li parti ma tistax tbiddel is-suġġett tal-kawża fil-mori tal-kawża, u li l-fondatezza tar-rikors għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl tat-talbiet fir-rikors [21]. Madankollu, il-Kummissjoni tista' twieġeb għall-argumenti li r-Repubblika ta' Malta qajmet fir-risposta tagħha, sakemm, bħal f'dan il-każ, il-portata tal-proċedura ma tinbidilx.

[17] Ara l-"Passport Papers" ippubblikati mid-Daphne Caruana Galizia Foundation. https://www.daphne.foundation/passport-papers/2021/04/round-up.

[18] Sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 50).

[19] Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-350/02, EU:C:2004:389, punt 20). L-għan tal-proċedura prekontenzjuża huwa li l-Istat Membru kkonċernat ikollu l-opportunità li jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni jew li jippreżenta d-difiża tiegħu fil-konfront tal-ilmenti tal-Kummissjoni b'mod effettiv. Ir-regolarità ta' din il-proċedura hija essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' dan l-Istat Membru u sabiex jiġi żgurat li s-suġġett tal-proċedura kontenzjuża jiġi ddefinit b'mod ċar. Il-proċedura prekontenzjuża għandha għalhekk tliet għanijiet: li tippermetti lil Stat Membru jtemm kwalunkwe ksur, li tippermettilu jeżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu u li tiddefinixxi s-suġġett tal-kawża fid-dawl tal-preżentata ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tas-16 ta' Settembru 2015, Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja, C-433/13, EU:C:2015:602, punti 39 u 49).

[20] Ir-rekwiżit li s-suġġett ta' proċedura taħt l-Artikolu 258 TFUE jkun limitat mill-proċedura prekontenzjuża prevista minnu ma jeżiġix li, f'kull rikors, id-dispożittiv tal-opinjoni motivata u t-talbiet tar-rikors ikunu identiċi, sakemm is-suġġett ta' dan tal-aħħar la jkun estiż u lanqas mibdul, iżda jkun limitat (sentenza tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, C-177/04, EU:C:2006:173, punt 37).

[21] Sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-543/08, EU:C:2010:669, punt 20). Ara wkoll l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 120(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.

34. Għalhekk nagħti parir lill-Qorti tal-Ġustizzja li kemm dan ir-rikors kif ukoll l-argumenti mqajma fir-replika huma ammissibbli.

35. Fir-rigward tal-inklużjoni tal-hekk imsejħa "Passport Papers" bħala provi, il-Kummissjoni ma tikkontestax li dawn jikkonċernaw l-operat tal-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2014 li hija irrilevanti *ratione materiae* għal dan ir-rikors. Kuntrarjament għal dak li jidher li ssostni l-Kummissjoni, il-kontenut ta' dawn id-dokumenti għalhekk ma jista' jiġi invokat bl-ebda mod sabiex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar il-legalità tal-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020.

Fuq il-mertu

– *Rimarki preliminari*

36. F'dan ir-rikors, il-Kummissjoni qiegħda titlob konstatazzjoni li, billi adottat u operat l-Artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 u r-Regolamenti tal-2020, ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 20(1) TFUE u l-Artikolu 4(3) TUE. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel tali konstatazzjoni, ir-Repubblika ta' Malta tkun meħtieġa tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [22]. Minn dan isegwi li, kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tar-Repubblika ta' Malta, din il-proċedura ma tippreġudikax il-legalità tal-qafas leġiżlattiv sħiħ ta' dan l-Istat Membru dwar in-naturalizzazzjoni [23]. Ir-rikors tal-Kummissjoni lanqas ma huwa sforz min-naħa ta' dik l-istituzzjoni, bl-assistenza diretta jew indiretta tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tilleġiżla fil-qasam taċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

37. Ir-Repubblika ta' Malta taċċetta li Stat Membru li jkun adotta politika ta' naturalizzazzjoni li teskludi individwi ta' razza jew oriġini etnika partikolari jkun qiegħed jikser, b'mod partikolari, l-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 2 TUE. Peress li l-Kummissjoni ma hijiex qiegħda tallega li l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 topera b'mod diskriminatorju abbażi ta' razza, ta' oriġini etnika jew b'xi mod ieħor, ma huwiex meħtieġ li din is-sottomissjoni tingħata iktar attenzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja [24]. Ir-Repubblika ta' Malta ssostni wkoll li hija għamlet sforzi kunsiderevoli u investiet riżorsi sinjifikattivi sabiex topera l-proċess ta' diliġenza dovut f'diversi livelli sabiex tiżgura li l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 tosserva u ssaħħaħ, b'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-oqsma tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u t-terroriżmu. Peress li r-rikors tal-Kummissjoni ma huwa bbażat fuq ebda nuqqas mir-Repubblika ta' Malta li tikkonforma ruħha ma' din il-leġiżlazzjoni, jew fil-fatt ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni, din is-sottomissjoni hija wkoll irrilevanti.

[22] Ara l-Artikolu 260(1) TFUE.

[23] Fil-kuntest ta' proċedura taħt l-Artikolu 258 TFUE, hija esklużivament il-Kummissjoni, meta tqis li Stat Membru jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu, li għandha tevalwa jekk huwiex xieraq li tieħu azzjoni kontra dan l-Istat, tidentifika d-dispożizzjonijiet li hija tallega li l-Istat kiser u li tagħżel meta ser tibda din il-proċedura (sentenza tat-3 ta' Marzu 2016, Il-Kummissjoni vs Malta, C-12/14, EU:C:2016:135, punt 24).

[24] Ir-Repubblika ta' Malta ssostni li l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 tapplika kriterji oġġettivi u trasparenti. L-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità, adottata taħt l-awspiċji tal-Kunsill tal-Ewropa, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità"), jipprovdi li "[i]r-regoli ta' Stat Parti dwar in-nazzjonalità ma għandhomx jinkludu distinzjonijiet jew xi prassi li jammontaw għal diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-reliġjon, ir-razza, il-kulur jew l-oriġini nazzjonali jew etnika" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

38. Fil-kuntest tal-proċedura taħt l-Artikolu 258 TFUE għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni għandha tipprova li Stat Membru ma ssodisfax obbligu li jkun vinkolanti fuqu fid-dritt tal-Unjoni u ma tista' tibbaża ruħha fuq ebda preżunzjoni sabiex tagħmel dan [25].

39. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE jeżiġi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ġenerali ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE jeżisti biss sa fejn dan in-nuqqas jikkonsisti f'aġir distint mill-ksur ta' obbligu speċifiku li għandu dan l-Istat Membru [26].

40. Dan ir-rikors huwa intiż għall-konstatazzjoni li, billi stabbilixxiet u operat l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020, li toffri naturalizzazzjoni lil persuni li ma għandhomx rabta ġenwina mar-Repubblika ta' Malta, bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel, dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 20(1) TFUE u l-Artikolu 4(3) TUE. Bħalma ġie kkonfermat waqt is-seduta, l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li l-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 topera b'tali mod li timponi obbligi u dmirijiet fuq Stati Membri oħra bi ksur tal-Artikolu 4(3) TUE tirriżulta minn, u ssegwi bħala konsegwenza ta', l-allegazzjoni tagħha li r-Repubblika ta' Malta qiegħda tikser l-Artikolu 20 TFUE. Fl-assenza ta' prova ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw iċ-ċittadinanza ma hemm, għalhekk, ebda bażi, fid-dritt jew fil-fatt, għall-konstatazzjoni li r-Repubblika ta' Malta qiegħda tikser id-dmir ta' kooperazzjoni leali. Bħalma tafferma l-ġurisprudenza, l-allegat ksur tal-Artikolu 4(3) TUE jagħmel riferiment għal aġir li ma huwiex distint minn ksur ta' obbligu speċifiku bbażat fuq l-Artikolu 20 TFUE. Għalhekk nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li, fil-kuntest ta' din il-proċedura, ma hijiex mitluba teżamina l-allegazzjoni li r-Repubblika ta' Malta naqset milli tosserva l-Artikolu 4(3) TUE b'mod separat minn dik imressqa taħt l-Artikolu 20 TFUE.

– *Ir-rekwiżit ta' "rabta ġenwina" taħt id-dritt tal-Unjoni u internazzjonali dwar in-nazzjonalità*

41. Mis-sottomissjonijiet bil-miktub u orali tal-partijiet huwa evidenti li l-kontenut tal-Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 u l-mod kif topera ma humiex ikkontestati bejniethom. B'mod partikolari, ir-Repubblika ta' Malta ma tikkontestax li hija toffri n-naturalizzazzjoni lil persuni bi skambju għal pagamenti ddeterminati minn qabel, suġġett għall-osservanza minnhom ta' ċerti rekwiżiti [27]. Matul is-seduta, ir-Repubblika ta' Malta kkonfermat li, bi skambju għall-pagament ta' kontribuzzjoni finanzjarja speċifika, sena waħda ta' residenza legali f'dan l-Istat Membru hija biżżejjed għall-finijiet tan-naturalizzazzjoni. Il-Kummissjoni kkonfermat fis-sottomissjonijiet orali tagħha li l-ilment uniku tagħha huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' rekwiżit taħt id-dritt tal-Unjoni – u, sa ċertu punt, id-dritt internazzjonali – li, sabiex tiġi ppreżervata l-integrità taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, għandu jkun hemm "rabta ġenwina" bejn Stat Membru u ċ-ċittadini tiegħu. Fil-kuntest ta' dawn is-sottomissjonijiet, il-Kummissjoni affermat ukoll li jekk ir-rikors tagħha jintlaqax jew le jiddependi mill-fondatezza ta' din il-premessa.

42. L-Artikolu 20(1) TFUE jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 9 TUE u l-Artikolu 20(1) TFUE, kwalunkwe persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru hija ċittadina tal-Unjoni. L-Artikolu 9 TUE jipprevedi wkoll li ċ-ċittadinanza tal-Unjoni għandha tiżdied

[25] Ara, għal dan l-għan, is-sentenza tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-494/01, EU:C:2005:250, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[26] Sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (Arkivji tal-BĊE) (C-316/19, EU:C:2020:1030, punti 119 u 121 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[27] Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

maċ-ċittadinanza nazzjonali u ma tissostitwixxihiex. L-istatus ta' ċittadinanza tal-Unjoni huwa marbut b'mod inseparabbli mal-pussess tan-nazzjonalità ta' Stat Membru u jiddependi kompletament minnu. Il-kisba tan-nazzjonalità ta' Stat Membru twassal għall-kisba awtomatika u mingħajr kundizzjonijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. It-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru għandu bħala konsegwenza li l-persuna kkonċernata titlef awtomatikament l-istatus tagħha bħala ċittadina tal-Unjoni [28]. In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija kundizzjoni *sine qua non*, jew "kundizzjoni essenzjali", sabiex persuna tkun ċittadina tal-Unjoni.

43. Sa mis-sentenza Grzelczyk [29], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ripetutament li ċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija "intiża sabiex tkun l-istat fundamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri" [30]. Fil-prattika dan ifisser li ċ-ċittadinanza tal-Unjoni tagħti firxa ta' drittijiet lil dawk li jkunu detenturi tagħha. Dawn jinkludu d-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri [31] u d-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat [32]. Kull ċittadin tal-Unjoni jista' jinvoka wkoll il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità stabbilita fl-Artikolu 18 TFUE fis-sitwazzjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni [33]. L-istatus fundamentali taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u l-obbligi u d-dmirijiet korrispondenti li din timponi fuq l-Istati Membri ma jeżentawx l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet milli jkun suġġett għal ċerti kundizzjonijiet [34].

[28] Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2022, Préfet du Gers u Institut national de la statistique et des études économiques (C-673/20, EU:C:2022:449, punti 46 sa 48 u 57, iktar 'il quddiem is-"sentenza Préfet du Gers"). Il-punt 48 tagħha jgħid li "[p]ermezz tal-Artikolu 9 TUE u permezz tal-Artikolu 20 TFUE, l-awturi tat-Trattati stabbilixxew għalhekk rabta indisoċjabbli u esklużiva bejn il-pussess tan-nazzjonalità ta' Stat Membru u l-kisba, iżda wkoll iż-żamma, tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni". Wara d-deċiżjoni sovrana tar-Renju Unit li joħorġu mill-Unjoni abbażi tal-Artikolu 50(1) TUE, it-Trattati ma baqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Frar 2020, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 7). Minn dakinhar, iċ-ċittadini tar-Renju Unit ma għandhomx iktar in-nazzjonalità ta' Stat Membru u ma għadhomx ċittadini tal-Unjoni. Ara s-sentenza Préfet du Gers, punt 91.

[29] Sentenza tal-20 ta' Settembru 2001, Grzelzyk (C-184/99, EU:C:2001:458, punt 31). Ara wkoll is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 82), u tal-15 ta' Lulju 2021, The Department for Communities in Northern Ireland (C-709/20, EU:C:2021:602, punt 62). Fl-Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-KEDB) tat-18 ta' Diċembru 2014 (EU:C:2014:2454, punt 172), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "[i]l-missjoni li jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, kif imfakkra fl-Artikolu 3 TUE, hija, min-naħa tagħha, fdata lil sensiela ta' dispożizzjonijiet fundamentali, bħalma huma dawk li jipprevedu l-libertà ta' moviment tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja kif ukoll il-politika tal-kompetizzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jagħmlu parti mill-qafas ta' sistema partikolari għall-Unjoni, huma strutturati b'mod li jikkontribwixxu, kull waħda fil-qasam speċifiku tagħha u bil-karatteristiċi partikolari tagħha, sabiex jitwettaq il-proċess ta' integrazzjoni li huwa r-raġuni eżistenzjali tal-Unjoni stess".

[30] Ara wkoll is-sentenza Tjebbes, punt 31, u s-sentenza Préfet du Gers, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[31] Artikolu 20(2)(a) TFUE u Artikolu 21 TFUE. Id-drittijiet li l-Artikolu 21(1) TFUE jagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni huma intiżi, fost l-oħrajn, li jippromwovu l-integrazzjoni progressiva tagħhom fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti (sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes, C-165/16, EU:C:2017:862, punt 56).

[32] Suġġett għall-kundizzjonijiet u għal-limiti ddefiniti fit-Trattati u fil-miżuri adottati taħthom: Artikolu 20(2)(b) TFUE u Artikolu 22 TFUE. Ara wkoll l-Artikoli 40 u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

[33] L-Artikolu 18 TFUE huwa intiż li japplika indipendentement biss għal sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom it-TFUE ma jinkludix regoli speċifiċi dwar in-nondiskriminazzjoni (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, The Department for Communities in Northern Ireland, C-709/20, EU:C:2021:602, punti 63 u 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[34] L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46), jipprevedi li "[i]ċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur mingħajr xi kondizzjonijiet jew formalitajiet għajr il-ħtieġa li jkollhom karta ta' l-identità jew passaport li huma validi". B'kuntrast għal dan, skont l-Artikoli 7 u 16 tad-Direttiva 2004/38, id-dritt ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni fi Stat Membru ieħor għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur iżda inqas minn ħames snin huwa suġġett għal kundizzjonijiet addizzjonali. Pereżempju, l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 jipprevedi li ċ-ċittadini tal-Unjoni mhux attivi għandhom ikollhom "biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza […]". Ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, The Department for Communities in Northern Ireland (C-709/20, EU:C:2021:602, punti 75 sa 79).

44. Peress li t-tgawdija taċ-ċittadinanza tal-Unjoni tiddependi kompletament mill-eżistenza tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, hija ġurisprudenza stabbilita li huwa għal kull Stat Membru, li jaġixxi fil-kuntest tal-kompetenza esklużiva tiegħu [35] u b'osservanza tad-dritt internazzjonali [36], li għandu jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom in-nazzjonalità tiegħu tista' tinkiseb u tintilef [37]. Bħalma indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza Préfet du Gers [38], l-Istati Membri setgħu jiddeċiedu li jikkondividu l-kompetenzi tagħhom u li jagħtu lill-Unjoni s-setgħa li tiddetermina min jista' jsir ċittadin tal-Unjoni. Huma għażlu li ma jagħmlux dan.

45. Id-Dikjarazzjoni Nru 2 dwar in-Nazzjonalità ta' Stat Membru, annessa mal-Att Finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [39], tirrifletti wkoll il-portata tal-prerogattivi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Bħalma rajna, il-kisba tan-nazzjonalità ta' Stat Membru twassal awtomatikament għall-kisba taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li l-Istati Membri l-oħra kollha huma obbligati, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, li jirrikonoxxu. Id-Dikjarazzjoni Nru 2 tagħmilha ċara li "[…] kull fejn fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea hemm riferiment għal ċittadini tal-Istati Membri, il-kwistjoni jekk individwu jkollux in-nazzjonalità ta' Stat Membru għandha tiġi riżolta biss b'riferiment għad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Id-Dikjarazzjoni Nru 2 tirrifletti għalhekk il-perspettiva tal-Istati Membri li l-kunċetti rispettivi tagħhom ta' nazzjonalità jirrigwardaw l-essenza nnifisha tas-sovranità u tal-identità nazzjonali tagħhom, li ma għandhomx l-intenzjoni li jikkondividu.

46. It-Trattati jinkludu diversi riferimenti għall-popli tal-Ewropa, għall-popli tal-Unjoni, għall-popli tal-Istati Membri u għall-popli Ewropej. Barra minn hekk, iċ-ċittadini tal-Unjoni huma atturi kostituttivi tal-Unjoni f'entità politika waħda [40], kif inhu muri, b'mod partikolari, mid-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew [41]. Dan ma jnaqqas assolutament xejn mill-fatt li l-Istati Membri ddeċidew li huwa l-kompitu tagħhom biss li jiddeterminaw min għandu d-dritt li jkun wieħed miċ-ċittadini tagħhom u, bħala konsegwenza, min ikun ċittadin tal-Unjoni. L-"entità politika waħda" li tirriżulta mill-ħolqien taċ-ċittadinanza tal-Unjoni għalhekk ma timponix obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward tat-termini u tal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom huma jagħtu n-nazzjonalità.

[35] Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kisba jew it-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Ir-Repubblika ta' Malta osservat matul is-seduta li tali leġiżlazzjoni tista' tiġi introdotta abbażi tal-Artikolu 352 TFUE.

[36] Fis-sottomissjonijiet kemm bil-miktub kif ukoll orali tagħha, il-Kummissjoni ssostni li ma hijiex qiegħda tibbaża ruħha fuq id-dritt internazzjonali f'din il-proċedura. Din l-affermazzjoni hija kemxejn inkompatibbli mal-invokazzjoni tagħha tas-sentenza Nottebohm insostenn tal-argument tagħha. Fi kwalunkwe każ, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-Istati Membri josservaw id-dritt internazzjonali meta jistabbilixxu regoli dwar il-kisba u r-revoka tan-nazzjonalità: Ara s-sentenza Tjebbes, punt 30. Minn dan isegwi li, fl-assenza ta' kunflitt, l-istandards tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam huma bbażati fuq id-dritt internazzjonali u għandhom josservawh. Ara, madankollu, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P, EU:C:2008:11, punt 24), fejn jindika li "[i]r-relazzjoni bejn il-liġi internazzjonali u s-sistema legali [tal-Unjoni] hija rregolata mis-sistema legali [tal-Unjoni] nnifisha, u l-liġi internazzjonali tista' tidħol f'dik is-sistema legali biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-prinċipji kostituzzjonali tal-[Unjoni]".

[37] Sentenza tat-18 ta' Jannar 2022, Wiener Landesregierung (Revoka ta' assigurazzjoni ta' naturalizzazzjoni) (C-118/20, EU:C:2022:34, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, iktar 'il quddiem is-"sentenza Wiener Landesregierung"). Ara, b'analoġija, is-sentenza Kaur, punt 25. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dikjarazzjoni unilaterali ta' Stat Membru, qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Komunità Ewropea (KE), intiża li tiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-dispożizzjonijiet Komunitarji, u għalhekk iċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru li jibbenefikaw minn dawn id-dispożizzjonijiet, ma kinitx iċċaħħad liċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru mill-benefiċċju ta' dawn id-drittijiet, peress li dawn qatt ma kienu bbenefikaw minnhom.

[38] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Collins fil-kawża Préfet du Gers u Institut national de la statistique et des études économiques (C-673/20, EU:C:2022:129, punt 22).

[39] ĠU 1992, C 191, p. 98 (iktar 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni Nru 2"), annessa mat-Trattat ta' Maastricht tal-1992 li stabbilixxa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Id-Dikjarazzjoni Nru 2 kellha l-għan li tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għamlu riferiment għall-kunċett ta' "nazzjonali" u għalhekk għandha tittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tat-TUE (sentenza tal-5 ta' Settembru 2023, Udlændinge- og Integrationsministeriet (Telf ta' nazzjonalità Daniża), C-689/21, EU:C:2023:626, punt 27).

[40] Din l-"entità politika waħda" hija limitata mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati u għalhekk ma għandhiex tiġi assimilata ma' dik ta' Stat.

[41] Artikolu 20(2)(b) TFUE. Ara wkoll l-Artikoli 9 sa 11 TUE dwar il-Prinċipji Demokratiċi, li jagħmlu riferiment b'mod estensiv għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

47. Fi spirtu ta' rispett u ta' fiduċja reċiproċi, l-Istati Membri aċċettaw, mingħajr kundizzjonijiet, li jikkonformaw ruħhom mad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri l-oħra dwar jekk individwu jkollux in-nazzjonalità ta' Stat Membru u, għaldaqstant, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, indipendentement mir-relazzjoni partikolari bejn din il-persuna u dan l-Istat Membru. L-Artikolu 9 TUE, l-Artikolu 20(1) TFUE u d-Dikjarazzjoni Nru 2 ma jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew lill-Istati Membri l-oħra jintroduċu ebda kundizzjoni għar-rikonoxximent tan-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor.

48. Fis-sentenza Micheletti [42], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali previsti mit-Trattat KE, il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma tistax tirrestrinġi l-effetti tal-għoti tan-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor billi timponi xi kundizzjoni addizzjonali għar-rikonoxximent ta' din in-nazzjonalità [43]. Għalkemm dik is-sentenza tippreċedi l-istabbiliment taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rriproduċiet dan il-prinċipju, b'mod partikolari, fis-sentenza Zhu u Chen [44], fil-kuntest taċ-ċittadinanza tal-Unjoni [45]. Minn dan isegwi li l-Unjoni, l-istituzzjonijiet tagħha u l-Istati Membri tagħha għandhom, bħala prinċipju, josservaw ir-regoli kollha tal-Istati Membri l-oħra dwar il-kundizzjonijiet għall-kisba u għat-telf tan-nazzjonalità. Is-sistema ta' rikonoxximent reċiproku obbligatorju li din il-ġurisprudenza tipprevedi għandha bħala konsegwenza li l-Istati Membri ma humiex obbligati li jkollhom kunċett kondiviż ta' dak li jikkostitwixxi n-nazzjonalità, u li r-regoli tal-għoti tagħha jistgħu jkunu differenti.

49. Għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix il-kundizzjonijiet għall-kisba u għat-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru [46], u huma għandhom jaċċettaw ir-regoli tal-oħrajn għal dan il-għan, ġie deċiż li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma għandhiex tikser id-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar [47]. L-eżerċizzju tal-prerogattiva sovrana ta' Stat Membru li jagħti jew li jirtira ċ-ċittadinanza ma huwiex mingħajr limitu, u kemm id-dritt tal-Unjoni kif ukoll id-dritt internazzjonali jistgħu, bħala prinċipju, jirrestrinġu l-eżerċizzju tagħha [48]. Kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tar-Repubblika ta' Malta, kull istanza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni, tkun xi tkun, tista' tkun is-suġġett ta' rikors skont l-Artikolu 258 TFUE għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. L-użu ta' dik il-proċedura ma huwiex irriżervat għall-prosekuzzjoni ta' dawk li jistgħu jiġu deskritti bħala istanzi ta' ksur serju [49].

[42] Punt 10.

[43] Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:47, punti 3 u 4), l-Avukat Ġenerali Tesauro ddikjara li l-kisba u t-telf tan-nazzjonalità hija kwistjoni esklużiva ta' kull Stat. Il-pussess tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, irrispettivament minn kif tkun inkisbet, huwa l-uniku prerekwiżit li individwu għandu jissodisfa sabiex jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment, u l-ebda fattur jew kriterju ieħor ma jista' jittieħed inkunsiderazzjoni.

[44] Punt 39. Ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 28). Fis-sentenza Zhu u Chen, fil-punt 39, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħmilx riferiment għal restrizzjoni imposta mil-leġiżlazzjoni, iżda tindika b'mod wiesa' li Stat Membru ma jistax jirrestrinġi l-effetti tal-għoti tan-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor billi jimponi kundizzjonijiet addizzjonali għar-rikonoxximent ta' din tal-aħħar.

[45] Artikoli 17 u 18 KE (li saru l-Artikoli 20 u 21 TFUE).

[46] Il-prinċipju ta' għoti tal-kompetenzi jirregola l-għoti tal-kompetenzi lill-Unjoni: Artikolu 4(1) u Artikolu 5(1) u (2) TUE. Il-kompetenzi kollha li ma ngħatawx lill-Unjoni jibqgħu għand l-Istati Membri. L-Unjoni ma tistax tassumi kompetenzi f'oqsma riżervati esklużivament għall-Istati Membri.

[47] Is-sentenza Rottmann, punti 39 u 41, u s-sentenza Tjebbes, punt 30, japplikaw din il-proposta ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

[48] Ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2021, Stolichna obshtina, rayon 'Pancharevo' (C-490/20, EU:C:2021:1008, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li "id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' ksib u ta' telf tan-nazzjonalità taqa', skont id-dritt internazzjonali, taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru u li, min-naħa l-oħra, f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, ir-regoli nazzjonali kkonċernati għandhom ikunu konformi ma' dan tal-aħħar".

[49] L-Artikolu 258 TFUE jippermetti lill-Kummissjoni tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu meta tkun tal-fehma li Stat Membru jkun naqas milli jwettaq obbligu taħt id-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma jimponi fuqha li tiddistingwi skont in-natura u l-gravità tal-ksur allegat. Sentenza tas-27 ta' Novembru 1990, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-209/88, EU:C:1990:423, punt 14). Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-19/05, EU:C:2007:606, punt 35).

50. Minbarra dan ir-rikors, m'inix konxju ta' xi kawża li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat ir-regoli ta' Stat Membru dwar il-kisba tan-nazzjonalità fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, b'riferiment għaċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Il-fatt li d-dritt tal-Unjoni ma jistax jagħti dritt lil persuna li ssir ċittadina ta' Stat Membru jidher li jispjega dan l-istat ta' fatt. Fis-sentenza Micheletti, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx ir-regoli Taljani dwar in-naturalizzazzjoni fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, iżda pjuttost il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' regoli Spanjoli li ppruvaw jirrestringu l-effett tad-dritt Taljan fi Spanja. Fis-sentenza Zhu u Chen [50], il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni tal-abbuż ta' liġi jew tal-abbuż ta' drittijiet fil-kuntest tal-kisba taċ-ċittadinanza tal-Unjoni [51]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-allegazzjoni tal-Gvern tar-Renju Unit li ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi prekluż milli jinvoka d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu u li jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, meta tali persuna tkun organizzat l-affarijiet b'tali mod li tiżgura li l-wild tagħhom jikseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru u għalhekk iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet li jirriżultaw minnha. Fiċ-ċaħda tat-talba ta' dan il-gvern, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-ebda waħda mill-partijiet li kienet ippreżentat osservazzjonijiet fil-kawża ma poġġiet f'dubju l-legalità ta', jew il-fatt li, il-wild inkwistjoni kien kiseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru [52].

51. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-individwi għandhom josservaw il-prinċipju ġenerali tad-dritt li wieħed ma jistax jinvoka d-dritt tal-Unjoni għal għanijiet abbużivi jew frawdolenti [53]. Il-legalità tal-għoti jew tal-kisba taċ-ċittadinanza tal-Unjoni tista' għalhekk, bħala prinċipju, tiġi eżaminata fid-dawl ta' dan il-kunċett. Dan ir-rikors jallega nuqqas mir-Repubblika ta' Malta li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 20 TFUE. Ma huwiex allegat li dan l-Istat Membru abbuża l-liġi jew abbuża d-drittijiet mogħtija lilu. Konsegwentement, l-applikazzjoni potenzjali ta' din id-duttrina ma tqumx f'din il-proċedura.

52. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija iktar numeruża dwar il-kwistjoni tal-irtirar jew it-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Filwaqt li l-kompetenza sabiex tingħata n-nazzjonalità hija rriżervata għall-Istati Membri u ċ-ċittadinanza tal-Unjoni tiddependi mill-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-użu tal-prerogattiva sabiex tiġi rtirata ċ-ċittadinanza nazzjonali, u għalhekk tal-Unjoni, huwa suġġett għal ċertu numru ta' restrizzjonijiet identifikabbli. Karatteristika importanti ta' din il-ġurisprudenza hija li tinvolvi l-eżerċizzju ta' prerogattivi sovrani ta' Stati Membri fil-konfront taċ-ċittadini tagħhom stess u mhux taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra jew ta' pajjiżi terzi. Minħabba t-tħassib li l-irtirar taċ-ċittadinanza nazzjonali, li jwassal għat-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jista' jirrendi l-individwi apolidi u jċaħħadhom mid-drittijiet mogħtija mit-Trattati u mill-Karta, id-dritt tal-Unjoni jiggarantixxi standard minimu ta' protezzjoni legali lill-persuni li jsibu ruħhom f'ċirkustanzi bħal dawn. Dan jirriżulta f'sitwazzjoni fejn ma jistax jiġi stabbilit parallel eżatt bejn l-għoti u l-irtirar tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, bil-konsegwenza li

[50] Sentenza Zhu u Chen, punti 34 sa 40.

[51] Ara, b'analoġija, Sloane, R. D., *Breaking the Genuine Link. The Contemporary International Legal Regulation of Nationality*, Harvard International Law Review, Vol. 50, Nru 1. L-awtur iqis li s-sentenza Nottebohm tista' tinqara korrettament bħala deċiżjoni restrittiva li fiha l-QIĠ invokat il-prinċipju ġenerali tal-abbuż ta' dritt sabiex tipprekludi lil F. Nottebohm milli jevadi l-konsegwenzi tad-dritt tal-gwerra.

[52] Il-prova ta' prassi abbużiva teħtieġ, l-ewwel, kombinazzjoni ta' ċirkustanzi oġġettivi li fihom, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet stabbiliti bid-dritt tal-Unjoni, l-għan imfittex minn dawn ir-regoli ma jkunx intlaħaq u, it-tieni, element suġġettiv li jikkonsisti fl-intenzjoni li jinkiseb vantaġġ mir-regoli tal-Unjoni billi jinħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tiegħu. Sentenza tas-26 ta' Frar 2019, T Danmark u Y Denmark (C-116/16 u C-117/16, EU:C:2019:135, punti 70 u 97 u l-ġurisprudenza ċċitata) (iktar 'il quddiem is-"sentenza T Danmark").

[53] Sentenza T Danmark, punti 70 u 71 u l-ġurisprudenza ċċitata. Il-kunċett ta' abbuż tad-dritt tal-Unjoni jew ta' abbuż ta' drittijiet jista', bħala prinċipju, japplika għall-azzjonijiet tal-individwi u tal-Istati Membri, sakemm jiġu stabbiliti l-kompetenza meħtieġa tal-Unjoni u l-provi neċessarji.

d-dritt tal-Unjoni jimponi rekwiżiti differenti fuq l-Istati Membri taħt kull waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet. Għal dawn ir-raġunijiet, naqbel mas-sottomissjoni tar-Repubblika ta' Malta li r-revoka tan-nazzjonalità ta' Stat Membru ma tistax tiġi assimilata mal-kisba tagħha.

53. Dan jidher fis-sentenza Rottmann [54], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minkejja l-fatt li l-kundizzjonijiet għall-kisba u għat-telf tan-nazzjonalità jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri, id-dritt tal-Unjoni japplika f'ċirkustanzi meta individwu jkun jista' jitlef iċ-ċittadinanza tiegħu tal-Unjoni u d-drittijiet marbuta magħha. Meta l-eżerċizzju mill-Istati Membri tas-setgħat tagħhom f'dan il-qasam jaffettwa d-drittijiet li d-dritt tal-Unjoni jagħti u jipproteġi, dan jista' jkun suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward ta' dawn id-drittijiet. Stat Membru jista' jirtira n-nazzjonalità tiegħu minn individwu meta din tkun inkisbet b'mod frawdolenti, minkejja li l-persuna kkonċernata titlef, b'dan il-mod, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u tkun tista' ssir apolidi [55], sakemm il-prinċipju ta' proporzjonalità jiġi osservat [56]. L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tista' teżiġi li l-persuna kkonċernata tingħata terminu raġonevoli qabel it-telf tan-nazzjonalità tagħha sabiex tkun tista' tipprova tirkupra n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor [57].

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, fis-sentenza Tjebbes [58], li Stat Membru jista' leġittimament iqis in-nazzjonalità bħala l-espressjoni ta' rabta ġenwina ma' dan l-Istat Membru. Stat Membru jista' għalhekk jistabbilixxi li l-assenza, jew it-telf, ta' rabta ġenwina bejnu u individwu twassal għat-telf tan-nazzjonalità tiegħu, bil-kundizzjoni li japplika l-prinċipju ta' proporzjonalità f'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi ta' dan it-telf għall-persuna kkonċernata [59] mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-telf *ex lege* tan-nazzjonalità ta' Stat Membru jkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità jekk ir-regoli nazzjonali rilevanti ma jkunux jippermettu eżami individwali tal-konsegwenzi ta' dan it-telf għall-persuni kkonċernati [60].

[54] Punti 41, 42, 48, 57 u 58.

[55] L-Artikolu 15(2) tal-Istqarrija Universali dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948, jistipula li "[ħ]add m'għandu jkun imċaħħad għal xejn b'xejn min-nazzjonalità tiegħu". L-Artikolu 8(2)(b) tal-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija, iffirmata fi New York fit-30 ta' Awwissu 1961, li daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 1975, jipprovdi li persuna tista' tiġi mċaħħda min-nazzjonalità ta' Stat Kontraenti meta tali nazzjonalità tkun inkisbet b'dikjarazzjoni falza jew bi frodi. L-Artikolu 8(4) jżid li Stat Kontraenti għandu jeżerċita s-setgħa li jċaħħad lil individwu miċ-ċittadinanza tiegħu kif permess mill-Artikolu 8(2)(b) biss skont il-liġi, li għandha tipprovdi lill-persuna kkonċernata d-dritt għal smigħ xieraq minn qorti jew korp indipendenti ieħor. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità jipprevedi li "Stat Parti ma jistax jipprevedi fid-dritt intern tiegħu t-telf tan-nazzjonalità tiegħu *ex lege* jew fuq inizjattiva tal-Istat Parti, ħlief fil-każijiet li ġejjin: […] (b) il-kisba tan-nazzjonalità tal-Istat Parti permezz ta' mġieba frawdolenti, ta' informazzjoni falza jew tal-ħabi ta' xi fatt rilevanti attribwibbli lir-rikorrent" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara wkoll l-Artikolu 18(2)(a) tagħha li jipprovdi li, "fit-teħid tad-deċiżjoni dwar l-għoti jew iż-żamma tan-nazzjonalità f'każijiet ta' suċċessjoni tal-Istat, kull Stat Parti kkonċernat għandu jieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari: […] (a) ir-rabta ġenwina u effettiva tal-persuna kkonċernata mal-Istat […]".

[56] Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li deċiżjoni ta' revoka tan-nazzjonalità abbażi ta' qerq tista' tiġi ġġustifikata fl-interess ġenerali (sentenza Rottmann, punt 51; sentenza Tjebbes, punt 33; u sentenza Wiener Landesregierung, punt 52).

[57] Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tiddetermina dan.

[58] Punti 35, 40 u 41. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk l-Artikolu 20 TFUE jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li n-nazzjonalità tiegħu tista' tintilef *ex lege*. Fil-każ ta' persuni li ma jkunux ukoll ċittadini ta' Stat Membru ieħor, dan it-telf ta' ċittadinanza tal-Unjoni jseħħ fl-assenza ta' eżami individwali tal-proporzjonalità ta' dan it-telf għall-persuna kkonċernata.

[59] U, jekk ikun il-każ, għall-membri tal-familja tagħha (sentenza tal-5 ta' Settembru 2023, Udlændinge- og Integrationsministeriet (Telf tan-nazzjonalità Daniża), C-689/21, EU:C:2023:626, punt 32). It-telf tan-nazzjonalità għandu jkun konsistenti mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, b'mod partikolari mad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja stabbilit fl-Artikolu 7 tagħha (sentenza Tjebbes, punt 45; sentenza Wiener Landesregierung, punt 61).

[60] Ara s-sentenza Tjebbes, punt 41, u s-sentenza Wiener Landesregierung, punt 59. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li deċiżjoni ta' Stat Membru li jirrevoka assigurazzjoni li jagħti n-nazzjonalità, li wasslet għat-telf permanenti taċ-ċittadinanza tal-Unjoni għall-persuna kkonċernata, kienet inkompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità meta r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni kienu li dan l-individwu kien wettaq reati amministrattivi tat-traffiku punibbli b'sanzjonijiet pekunjarji (sentenza Wiener Landesregierung, punt 74).

55. Minn dan isegwi li filwaqt li Stat Membru jista', konformement mal-leġiżlazzjoni tiegħu fil-qasam tan-nazzjonalità, jeżiġi l-prova ta' rabta ġenwina, kif iddefinita konformement magħha, jew "[i]r-relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà bejnu u bejn iċ-ċittadini tiegħu" [61] – id-dritt tal-Unjoni ma jiddefinixxix u, *a fortiori*, ma jeżiġix, l-eżistenza ta' tali rabta sabiex tinkiseb jew tinżamm din in-nazzjonalità [62]. Id-dritt tal-Unjoni jaċċetta tali rekwiżit taħt id-dritt nazzjonali ta' Stat Membru biss fil-kuntest tal-irtirar jew tar-revoka tan-nazzjonalità bil-kundizzjoni li l-prinċipju ta' proporzjonalità jiġi osservat u li jingħataw ċerti garanziji proċedurali lill-persuna affettwata [63].

56. Fir-rigward tar-rekwiżit ta' "rabta ġenwina" fid-dritt internazzjonali, huwa minnu, bħalma tosserva l-Kummissjoni [64], li, fis-sentenza Nottebohm, il-QIĠ iddeċidiet li Stat jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi n-nazzjonalità mogħtija minn Stat ieħor, fl-assenza ta' rabta ġenwina jew ta' konnessjoni bejn dan l-individwu u n-nazzjonalità li huwa jinvoka. Is-sentenza tal-QIĠ sempliċement tippermetti lill-Istati jirrifjutaw ir-rikonoxximent tan-nazzjonalità mogħtija fl-assenza ta' rabta ġenwina bejn persuna u l-Istat li tiegħu hija tallega li tkun ċittadina. Hija ma tobbligax lill-Istati jeżiġu l-eżistenza ta' tali rabta jew bejniethom u ċ-ċittadini tagħhom stess jew bejn Stati oħra u ċ-ċittadini tagħhom [65]. Għall-finijiet ta' dan ir-rikors, għandu jiġi enfasizzat li l-QIĠ ma ddefinixxietx il-kunċett ta' "rabta ġenwina" fid-dritt internazzjonali, u lanqas *a fortiori* eżiġiet li l-Istati jagħtu n-nazzjonalità b'riferiment għaliha. Għall-kuntrarju: il-QIĠ ddeċidiet li "huwa kull Stat sovran li għandu jirregola, permezz tal-leġiżlazzjoni tiegħu stess, ir-regoli dwar il-

[61] Sentenza tal-25 ta' April 2024, Stadt Duisburg (Telf tan-nazzjonalità Ġermaniża) (C-684/22 sa C-686/22, EU:C:2024:345, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[62] Ara, b'analoġija, l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità, li jipprovdi li "Stat Parti ma jistax jipprevedi fid-dritt intern tiegħu t-telf tan-nazzjonalità tiegħu *ex lege* jew fuq inizjattiva tal-Istat Parti, ħlief fil-każijiet li ġejjin: […] (e) nuqqas ta' rabta ġenwina bejn l-Istat Parti u ċittadin li jirrisjedi abitwalment barra mill-pajjiż" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-Konvenzjoni ma tiddefinixxix din ir-"rabta ġenwina". Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li l-Artikolu 7(1)(e) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità jħalli lil kull Stat Parti l-kompitu li jiddeċiedi x'inhi rabta ġenwina bejnu u ċ-ċittadini tiegħu.

[63] Ara s-sentenza tal-25 ta' April 2024, Stadt Duisburg (Telf tan-nazzjonalità Ġermaniża) (C-684/22 sa C-686/22, EU:C:2024:345, punti 56 sa 65 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara, b'kuntrast għal dan, is-sentenza Préfet de Gers, punt 62, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu li jitwettaq eżami individwali tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma japplikax għat-telf ta' dan l-istatus bħala riżultat awtomatiku ta' deċiżjoni sovrana ta' ex Stat Membru li joħroġ mill-Unjoni.

[64] Freidrich Nottebohm, ċittadin Ġermaniż, twieled il-Ġermanja fl-1881. Fl-1905, huwa stabbilixxa ruħu fil-Gwatemala u fetaħ impriża. Fl-1939, immedjatament wara l-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, huwa applika biex isir ċittadin ta' Liechtenstein. Wara li kiseb passaport ta' Liechtenstein f'Diċembru 1939, F. Nottebohm ġab viża mill-Konslu Ġenerali tal-Gwatemala f'Zürich. Huwa rritorna lejn il-Gwatemala fil-bidu tas-sena 1940 biex ikompli l-attivitajiet kummerċjali tiegħu. Fl-1943, F. Nottebohm ġie arrestat mill-awtoritajiet tal-Gwatemala fuq l-inizjattiva tal-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika, ingħata lill-forzi armati ta' dan tal-aħħar u ġie ddeportat lejn l-Istati Uniti fejn inżamm bħala priġunier mingħajr smigħ għal sentejn u tliet xhur. L-awtoritajiet tal-Gwatemala bdew proċeduri ġudizzjarji kontra F. Nottebohm għall-esproprjazzjoni, mingħajr kumpens, tal-proprjetajiet tiegħu. F'Diċembru 1951, il-Gvern ta' Liechtenstein beda proċeduri quddiem il-QIĠ għal restituzzjoni u għal kumpens kontra l-Gvern tal-Gwatemala minħabba l-azzjonijiet tiegħu kontra l-persuna u l-proprjetà ta' F. Nottebohm. Il-Gvern tal-Gwatemala eċċepixxa li din it-talba kienet inammissibbli minħabba, b'mod partikolari, li l-Prinċipat tal-Liechtenstein ma kienx ipprova li F. Nottebohm, "li l-Prinċipat tal-Liechtenstein qiegħed jagħixxi għall-protezzjoni tiegħu", kien kiseb in-nazzjonalità tal-Liechtenstein b'mod validu skont id-dritt ta' dan l-Istat. Is-sentenza tal-QIĠ, li hija limitata għall-kwistjoni ta' ammissibbiltà, teżamina "jekk in-nazzjonalità mogħtija lis-Sur Nottebohm tistax tiġi invokata kontra l-Gwatemala […] fil-proċedura mibdija quddiem il-[QIĠ]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[65] Ara, b'analoġija, l-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità tas-6 ta' Novembru 1997, li jipprovdi li "kull Stat għandu jiddetermina permezz tal-leġiżlazzjoni tiegħu min huma ċ-ċittadini tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Artikolu 3(2) tagħha jipprevedi li "din il-leġiżlazzjoni għandha tiġi aċċettata mill-Istati l-oħra sa fejn tkun konsistenti mal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli, mad-dritt konswetudinali internazzjonali u mal-prinċipji legali ġeneralment irrikonoxxuti fil-qasam tan-nazzjonalità". Ara wkoll l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar Ċerti Kwistjonijiet Relatati mal-Kunflitt tal-Liġijiet dwar in-Nazzjonalità (adottata fit-13 ta' April 1930, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1937) 179 LNTS 4137 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar il-Kunflitt tal-Liġijiet dwar in-Nazzjonalità"), li t-test tiegħu huwa kważi identiku għall-Artikolu 3(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-Kunflitt tal-Liġijiet dwar in-Nazzjonalità jipprovdi li "kwalunkwe kwistjoni dwar jekk persuna għandhiex in-nazzjonalità ta' Stat partikolari għandha tiġi ddeterminata skont id-dritt ta' dak l-Istat" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ir-riferimenti għad-dritt internazzjonali f'dawn il-konvenzjonijiet huwa kemmxejn ċirkolari. Wieħed jaf jistenna li tali konvenzjonijiet jiddefinixxu jew, tal-inqas, jistipulaw il-kundizzjonijiet minimi li d-dritt internazzjonali jeżiġi meta Stat jagħti n-nazzjonalità lil persuna. Li dawn il-konvenzjonijiet sistematikament evitaw li jistabbilixxu anki standards minimi f'dan il-qasam fil-fehma tiegħi juri intenzjoni ċara li d-definizzjoni tan-nazzjonalità u l-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha jitħallew għad-dritt tal-Istati individwali. Minn dan isegwi li, sa llum, id-dritt internazzjonali kellu biss impatt marġinali f'dan il-qasam.

kisba tan-nazzjonalità tiegħu […]"[66] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Mis-sentenza Nottebohm isegwi li, għall-inqas fil-fehma tal-QIĠ, ir-regoli għall-għoti tan-nazzjonalità huma kwistjoni għall-Istati individwali.

57. Ma hemmx diverġenzi sinjifikattivi bejn id-dritt tal-Unjoni u d-dritt internazzjonali dwar il-kwistjoni jekk għandux ikun hemm rabta ġenwina bejn individwu u l-Istat li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, peress li l-ebda wieħed minnhom ma jimponi tali rekwiżit. Il-kundizzjonijiet għall-għoti tan-nazzjonalità huma kwistjoni għad-dritt nazzjonali[67], għalkemm tingħata ċerta attenzjoni għar-regoli internazzjonali kontra l-apolidija u jista' jkun hemm rispett tad-drittijiet tal-bniedem u proċedurali tal-individwi kkonċernati. Fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni, id-Dikjarazzjoni Nru 2 u l-linja ta' ġurisprudenza Micheletti jipprekludu lill-Istati Membri milli ma jirrikonoxxux l-għoti tan-nazzjonalità minn Stat Membru ieħor, li s-sentenza Nottebohm jidher li tappoġġja[68]. Lanqas ma teżisti bażi loġika għall-affermazzjoni li, peress li l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu n-nazzjonalità mogħtija minn Stati Membri oħra, id-dritt tagħhom dwar in-nazzjonalità għandu jinkludi regola partikolari, *a fortiori* waħda li teżiġi "rabta ġenwina" bħala kundizzjoni sabiex wieħed ikollu din in-nazzjonalità. Dmir taħt id-dritt tal-Unjoni li tiġi rrikonoxxuta n-nazzjonalità mogħtija minn Stati Membri oħra huwa rikonoxximent reċiproku tas-sovranità ta' kull Stat Membru, u r-rispett tagħha – u mhux mezz sabiex jiġu kompromessi l-kompetenzi esklużivi li jgawdu minnhom l-Istati Membri f'dan il-qasam. Deċiżjoni mod ieħor tkun tfixkel il-bilanċ stabbilit b'attenzjoni kbira bejn iċ-ċittadinanza nazzjonali u dik tal-Unjoni fit-Trattati u tkun tikkostitwixxi tnaqqis kompletament illegali tal-kompetenza tal-Istati Membri f'qasam sensittiv ħafna li huma ddeċidew b'mod ċar li jżommu taħt il-kontroll esklużiv tagħhom.

58. Minn dan isegwi li, fil-fehma tiegħi, il-Kummissjoni ma pprovatx li, sabiex iċ-ċittadinanza nazzjonali tingħata legalment, l-Artikolu 20 TFUE jeżiġi l-eżistenza ta' "rabta ġenwina" jew ta' "rabta ġenwina minn qabel" bejn Stat Membru u individwu differenti minn dak li jista' jeżiġi d-dritt intern ta' Stat Membru. Ir-Repubblika ta' Malta jista' jkollha kawża xi twieġeb fir-rigward tat-tieni u tat-tielet stadju tal-kawża tal-Kummissjoni: madankollu, applikazzjoni fidila tal-approċċ fi tliet stadji tal-Kummissjoni tikkonvinċini li ma huwiex neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi lil hinn mid-deċiżjoni dwar l-ewwel stadju. Fl-assenza ta' prova ta' xi ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dan ir-rikors.

Fuq l-ispejjeż

59. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

60. F'din il-kawża, il-Kummissjoni u r-Repubblika ta' Malta talbu, rispettivament, li l-parti l-oħra fil-kawża tiġi ordnata tbati l-ispejjeż.

[66] Il-QIĠ kompliet billi kkonstatat li "[…] ma huwiex neċessarju li jiġi ddeterminat jekk id-dritt internazzjonali jimponix xi limitazzjonijiet fuq il-libertà deċiżjonali tiegħu f'dan il-qasam. Barra minn hekk, in-nazzjonalità għandha l-iktar effetti immedjati, estensivi u, għal ħafna nies, l-uniċi effetti tagħha, fi ħdan is-sistema legali tal-Istat li jagħtiha. In-nazzjonalità sservi fuq kollox sabiex jiġi ddeterminat li l-persuna li lilha tingħata tgawdi mid-drittijiet u tkun marbuta bl-obbligi li d-dritt tal-Istat inkwistjoni jagħti jew jimponi fuq iċ-ċittadini tiegħu. Dan huwa implikat fil-kunċett usa' li n-nazzjonalità taqa' fi ħdan il-kompetenza interna tal-Istat" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[67] Ma hemmx regoli aċċettati b'mod universali għall-kisba tan-nazzjonalità taħt id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali. Dan huwa l-każ anki jekk l-Istati jaf ta' spiss jagħtu n-nazzjonalità abbażi ta' (varjanti ta') standards jew kunċetti komuni bħall-*ius soli* jew il-*ius sanguinis*. Ara, b'analoġija, l-Artikolu 6(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità.

[68] Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:47, punt 5), l-Avukat Ġenerali Tesauro ddikjara li huwa "ma kienx tal-fehma li l-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tikkostitwixxi qafas xieraq sabiex jitqajmu l-problemi relatati man-nazzjonalità effettiva, li l-oriġini tagħhom tinsab f'"perijodu romantiku" tar-relazzjonijiet internazzjonali u, b'mod partikolari, fil-kunċett ta' protezzjoni diplomatika; inqas u inqas għandha rilevanza […] is-sentenza magħrufa sew (u, tajjeb li wieħed jiftakar, kontroversjali) Nottebohm tal-[QIĠ]".

61. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-Repubblika ta' Malta.

Konklużjoni

62. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad ir-rikors tal-Kummissjoni;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tar-Repubblika ta' Malta.